**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Brian Xuereb)**

**vs.**

**Yousri Toufik**

Illum is-26 ta' Settembru 2022

Il Qorti:

Rat illi tressaq Yousri Toufik , iben Hocine Tofiq u Halima Saidia, imwieled ġewwa il-Casablanca, Marokk, nhar l-4 t'Awwissu 1995, detentur tal-Karta tal-Identita` Belġjana bin numru 593-5144932-73 u residenti ġewwa Triq id-Dawl, Ħaż-Żebbuġ;

U nakkużah talli nhar il-25 ta' Settembru 2022 għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' filghodu (00:30hrs), gewwa l'Istabbiliment Footloose, Triq San Ġorġ, San Ġiljan u/jew f'dawn il-Gżejjer b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk żminijiet differenti, jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkommetta serq ta′ diversi affarijiet b′valur ekwivalenti għal madwar €365.00 għad-detriment ta′ Giacomo Angelini, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin u bil-valur liema valur ma jaċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€2329.27);

2. Ikkommetta serq ta′ diversi affarijiet b′valur ekwivalenti għal madwar €450.00 għad-detriment ta′ Resul Huseyinkahyaoglu, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin u bil-valur liema valur ma jaċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€2329.27);

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'każ ta′ htija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fl-udjenza tas-26 ta′ Settembru wara li sar l-ezami ta′ l-imputat a tenur ta′ l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta, l-imputat wiegeb li kien hati ta′ l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta′ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga′ jikkonsulta ma′ l-avukat ta′ fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga′ lura minnha.

Rat li l-imputat rega′ tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li fid-dawl ta′ l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m′ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li a tenur

ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, ghalhekk li l-akkużi huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet fl-udjenza tas-26 ta' Settembru 2022.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

**Fatt fil-qosor**

Illi dan il-kaz irrizulta meta gie rapportat lill-pulizija serq li kien sar minn ghand zewg persuni.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tas-26 ta' Settembru 2022 din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reati addebitat lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- Il-fedina penali ta' l-imputat li hija netta u ma jinsabux registrati ebda sentenzi kontrieh.

- Il-ammissjoni bikrija ta' l-imputat li sar fl-ewwel udjenza. Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[1], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[2], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[3] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[4]

  Ghaldaqstant, f'dan il-kaz jista jinghad li l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri ghaliex ma kienux diga lahhqu jixdhu x-xhieda kollha jew saru diversi seduti li jirrikjedu hin u spejjez.

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi u/jew kondizzjonijiet.

- Fis-sottomissjonijiet finali taghha, il-prosekuzzjoni tenniet li l-oggetti kollha misruqa gew ritornati hlief ammont ta' flus ta' hmistax il-Euro (€15) u li dan huwa l-unika reat li qatt gie akkuzat bih. Il-prosekuzzjoni talbet lill-Qorti tikkunsidra piena karcerarja ta' sitt xhur.

- Id-difiza itenni li in vista ta' l-attenwanti imsemmija mil-prosekuzzjoni, il-Qorti ghandha tikkunsidra piena alternattiva ta' sentenza sospiza u dan anke in vista tal-fatt li ghandu xoghol u residenza fissa.

- Illi filwaqt li l-Qorti mhix bl-ebda mod marbuta ma dawn is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni l-Qorti tara li z-zewg pieni suggeriti

---

[1] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[2] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[3] Thomson Reuteurs, S-29
[4] Blackstone Press Limited – 2006 edition

huma legalment proponibbli u fil-parametri tal-ligi ghal dawk ir-reat li jikkoncernaw il-Kodici Kriminali .

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 20, 261(c)(f), 270, 279(a), 286(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Yousri Toufik fuq ammissjoni tieghu stess, **hati** ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontrih u tikkundannah prigunerja ta' sena li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal-tmintax il-xahar millum.

Il-Qorti spjegat fi kliem car u semplice l-import u obbligi naxxenti minn din is-sentenza.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma access ghal kopja skenjata tas-sentenza fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol.

**Moghtija illum nhar is-26 ta' Settemrbu 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**